MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 203/2011

**Michael Attard Limited (C 32362)**

**Vs**

**Paul Camenzuli (ID236860M) f'ismhu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija USA 1 Import Limited (C35482)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut pro et nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' €10,705.62 (ghaxart elef seba mija u hames Ewro u tnejn u sittin centezmu) raprezentanti import ta' tlieta u ghoxrin kambjala skaduti, accettati u firmati mill-konvenuti.

Bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher a fol 7 tal-atti, l-konvenut pro et nomine gie notifikat bl-avviz in esami izda la deher quddiem il-Qorti sabiex jikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma pprezenta risposta ghall-istess skop.

Illi da parti tas-socjeta' attrici gie prodott Stefan Sacco li xehed fis-seduta mizmuma llum stess u dan, oltre li esebixxa l-kambjalijiet in esami in fotokopja kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sallum.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut 'proprio et nomine' sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €10,705.62 bl-imghax ulterjuri mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala, esebita in atti in fotokopja sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------